# L-Isla u L-Festa fi Tfuliti

Mhux l-ewwel darba tisma' lil xi ħadd jitkellem fuq l-imgħoddi, l-aktar fuq dawk il-mumenti li ftit li xejn jistgħu jerġgħu jseħħu. Ta' min jgħid li stejjer bħal dawn tieħu pjaċir tismagħhom għax fl-istess ħin iġeddu l-memorji tiegħek ukoll. Il-Vitorja, kellha ħafna karatteristiċi li llum ħadu posthom oħrajn li jmorru maż-żmien ta' llum. Tajjeb li wieħed jerġa' jġib ħajjin dawn il-festi. Kif niftakar jien, il-Festa tal-Vitorja, in-nanniet tiegħi kienu jsejħulha bħala l-aktar mumenti li jfakkruna f'dawk ta' qabilna.

Niftakar, ta' tifel li kont, il-Festa tal-Bambina konna nħejju ruħna għaliha b'mod sabiħ. Jiena u ħuti konna nibdew sa minn Lulju niddiskutu min minna ser joqgħod għand in-nanniet tagħna fl-aktar jiem qrib tal-festa. Dan għaliex fil-Vitorja kulħadd kien ikun mistieden. Jiena dejjem; b'inkejja fija; minħabba li kont wieħed miż-żgħar, kont nispiċċa nintgħażel biex ngħaddi l-ewwel ġranet tal-festa, jiġifieri mil-bidu tan-Novena sal-4 ta' Settembru (magħruf magħna ta' l-Isla bħala *l-Quattro*, minħabba li fl-4 ta' Settembru 1921, saret l-Inkurunazzjoni tal-Bambina). Għidt mill-bidu tan-novena, minħabba l-fatt li l-ħruġ tal-istatwa ma kienx isir bħal ma nafuh illum. L-istatwa kienet titniżżel min-niċċa waqt li l-Kor tal-Parroċċa kien ikun qed jagħmel il-kunċert. Kien l-Arċipriet Vinċenz Cachia, li daħħal din l-użanza ħelwa kif inhi llum. Għadhom ħajjin fija t-tifkiriet tal-50 sena anniversarju tal-Inkurunazzjoni, meta l-Kardinal Giacomo Lercaro poġġa l-warda f'riġlejn l-istatwa għażiża tal-Bambina.

Fil-jum tal-festa, mbagħad, konna ninġabru lkoll biex nagħmlu l-ikla tal-festa. Niftakar li l-biżnanna tiegħi Netta, kienet tisma' l-quddiesa tal-ħamsa nieqes kwart sabiex wara erħilha tagħmillek ma nafx kemm il-tużżanna ravjul għal xi madwar tnax-il ruħ jew aktar. Niftakar li konna nieklu l-ewwel aħna t-tfal, imbagħad l-irġiel u fl-aħħar in-nisa, s'intendi minħabba l-wisa'.

Filgħaxija mal-ħamsa nibdew ninħaslu, kulħadd wara min imissu, biex b'hekk nikkapparaw post fil-gallarija, ħalli bis-sunetti f'idejna nwaddbu ponn karti fuq il-Bambina. Isfel, ma kellu permess jinżel ħadd minħabba li n-nannu tiegħi Toni, li kien is-sagristan tal-Bażilka, kien idaħħal lir-reffiegħa għall-ewwel bibita qabel ma dawn jinżlu t-taraġ ta' Triq il-Maċina għax-xatt, bl-istatwa ta' Marija Bambina.

Fid-dħul tal-purċissjoni, kulħadd għal fuq iz-zuntier, għall-aħħar tislima lil Bambina qabel ma' tidħol fit-tempju tagħha. Ta' tfal li konna, min minna ser joqgħod quddiem sabiex jara dak kollu li kien ser isir. Imbagħad kulħadd kien imur id-dar, sodisfatt li kellna festa sabiħa. Ta' tifel li kont, kienu jgħaddu xi jiem oħra li jiena kont nibqa' nilgħab tal-festa fid-dar t'ommi.

Illum, li għadda ż-żmien, jien saċerdot, nannieti kollha mietu, id-dar fejn konna noqogħdu m'għadhiex f'idejna, imma baqgħu t-tifkiriet fija u nieħu gost ħafna nirrakonthom ħalli l-imħabba lejn il-Bambina ma tintefiex, iżda, tissaħħaħ fija u f'dawk li għad iridu jiġu warajna.

Fr. Adrian Cassar Pulis O.Carm
Fgura